**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Edel Mary Camilleri)**
**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Philip Borg**

Kaz Numru: 267/2015

Illum 25 ta' Marzu, 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Philip Borg**, detentur ta' karta tal-identita' 221455M:

Akkuzat talli fid-19 ta' Jannar 2015 ghall-habta ta' 6:00 hrs u l-hin ta' wara, gewwa Triq il-Kappillan Valletta, Hamrun, Malta -

(1) Volontarjament hassart, jew ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor u cioe' waqqajt hajt gewwa l-proprjeta' St Joseph, Triq il-Kappillan Valletta, Hamrun, proprjeta' ta' Antoine Agius, miz-Zebbug Malta, liema hsara tammonta ghal madwar 350 euro. Dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) U aktar talli bi hsara tas-sid jew tad-detentur cioe' ta' Antoine Agius, ghamilt vjolazzjoni kontra l-proprjeta' tal-istess imsemmija persuna. Dan bi ksur tal-artikolu 340(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(3) U aktar talli ghamilt xi haga minghajr licenzja ta' awtorita' kompetenti meta din il-licenza hija mehtiega minn ligi jew minn

regolament maghmula mill-awtorita' kompetenti. Dan bi ksur tal-artikolu 338(gg) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(4) U aktar talli ezercitajt jedd li tippretendi li ghandek. Abbuzivament u illegalment billi waqqajt hajt tal-proprjeta' St Joseph, Triq il-Kappillan Valletta, Hamrun, liema hajt jaghmel parti mill-imsemmija proprjeta' li tappartjeni lil Antoine Agius. Dam bi ksur tal-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat li fid-19 ta' Jannar 2015 ghall-habta tas-sitta ta' filghodu u l-hin ta' wara huwa kkommetta hsara volontarja billi allegatament waqqa' hajt gewwa l-proprjeta' tal-parte civile; wettaq vjolazzjoni tal-proprjeta'; u li ma kellux licenzja meta kien hemm il-htiega taghha u bir-reat ta' ragion fattasi.

Illi din il-Qorti semghet diversi xhieda dwar il-mertu izda qabel xejn jehtieg li tigi trattata l-kwistjoni sollevata mid-difiza relatata mad-data fic-citazzjoni.

Il-Qrati taghna kellhom l-opportunita' li jitrattaw sitwazzjoni fejn id-data indikata fic-citazzjoni tkun wahda erroneja.

Referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre' Falzon**[1]

*Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:*

*"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw…..."*

[1] Qorti tal-Appell Kriminali deciza fid-19 ta' Novembru, 2015

*Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Pulizija vs John Mary Briffa, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:*

*"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt instab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament"*

*Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti ta'l-Appell Krminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet Il-Pulizija vs Warren Piscopo u Pulizija vs Rita Thuema, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.*

*Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami huwa car allura illi l-appellanti kellu jigi illiberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu billi dawn jirreferu ghal perijodu ta' zmien differenti minn dak li fih sehhew l-allegati fatti li wasslu ghall-imputazzjoni odjerna."*[2]

Inoltre' tirreferi ghas-sentenza fl-ismiijiet 'Il-Pulizija vs Jesmond Fenech et' (Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Krminali) deciza fit-30 ta' Gunju 2014. F'din l-ahhar kawza l-imputati gew illiberati minhabba zball fis-sena indikata fic-citazzjoni. Il-Qorti tenniet hekk b'referenza ghall-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali:

*'Il-partikularitajiet ta' zmien ghalhekk huma mehtiega precizament sabiex il-persuna imharrka tkun taf b'dak li tkun qeghda tigi mharrka u tkun tista' tiddefendi ruhha adegwatament. F'dan il-kaz, peress li l-prosekuzzjoni ipprocediet fuq tali citazzjoni, innotifikat lill-imharrek b'din ic-citazzjoni, ipproduciet il-provi taghha in bazi ghall-istess fatti kif imsemmija fic-citazzjoni u matul dawn l-istadji kollha qabel iddikjarat il-provi taghha maghluqa ma talbitx li ssir korrezzjoni fl-imputazzjoni fl-istadju opportun*

[2] Ara wkoll **Il-Pulizija vs Jovil Abela** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-18 ta' April, 2016

*(kif kellha kull dritt li taghmel) jigi li tajjeb jew hazin, intrabtet mal-fatti kif espress fic-citazzjoni promossa minnha stess'.*

Fil-kaz inkwistjoni, kif diga' gie rilevat, l-imputat qieghed jigi addebitat li wettaq ir-reati fid-19 ta' Jannar 2015 ghall-habta tas-sitta ta' filghodu u l-hin ta' wara.

**L-imputat** ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri[3]. Huwa xehed li kienet il-gurnata tal-Gimgha (data kien 16) meta ra lill-bennej ta' Antoine Agius u qallu li l-hajt li kien qieghed jinbena kien fil-proprjeta' tieghu. Dan qallu biex ikellem lill-kuntrattur. Huwa cempel lill-kuntrattur li qallu biex ikellem lil Agius u eventwalment kellem lill-Perit. Billi had ma ried jiehu azzjoni ddecieda li jiehu azzjoni huwa stess. Spjega li l-hajt suppost kellu jkun divizorju izda kien qieghed jinbena fuq il-proprjeta' tieghu. Ghalhekk l-ghada s-Sibt 17 tax-xahar qabad u hattu. Huwa spjega li hatt tlett filati u halli l-opramorta. Bazikament huwa gabu kif kien originali. Imbaghad it-Tnejn filghodu dsatax tax-xahar baghtu ghalih l-Ghassa u fis-sebgha ta' filghodu kien diga' l-Ghassa.

Billi ma kien hemm l-ebda xhud okulari, il-Qorti trid tezamina jekk mill-provi prodotti l-versjoni moghtija mill-imputat partikolarment dwar id-data ghandhiex titwemmen. Ghalhekk se ssir referenza ghal dak li jemergi minn diversi xhieda u provi:

- **Ex-PS 830 Chris Debono[4]** xehed li fid-19 ta' Jannar 2015 ghall-habta tas-sitta ta' filghodu certu Louis Muscat mar jirrapporta gewwa l-Ghassa tal-Hamrun. Huwa spjega li kien kuntrattur u kien qieghed jiehu hsieb ix-xogholijiet gewwa 'St Joseph', Triq il-Kappillan Valletta, Hamrun u rrapporta li meta mar dakinhar filghodu fuq il-lant tax-xoghol sab imwaqqa' hajt ta' tnax-il pied u seba' filati gholi. Huwa qal li l-hajt kien ilu mibni snin. Ix-xhud acceda wkoll fil-fond. Kellem ukoll lis-sid tal-proprjeta' Antoine Agius u wara li ta d-drittijiet kellem lill-imputat li stqarr li kien nehha xi filati imma mhux kemm kien qieghed jigi allegat[5].
- **Louis Muscat** xehed[6] dwar il-kostruzzjoni li kien qieghed jaghmel fil-fond inkwistjoni. Xehed dwar il-fatt li l-imputat gieli avvicinah dwar xi appogg u riedi jwaqqghu. Ix-xhud qal li meta beda jtella' t-

[3] Seduta tas-16 ta' Jannar 2019
[4] Seduta tal-1 ta' Gunju, 2015
[5] Ara Dok CD a fol 17 tal-process
[6] Seduta tad-19 ta' Ottubru 2015

tieni sular u wasal ghas-saqaf mal-bennej, l-imputat staqsih x'kien se jaghmel fuq il-hajt. Ix-xhud qallu li inutili kien qieghed jitkellem mieghu ghax huwa haddiem u indirizzah biex ikellem lil Antoine Agius. Huwa xehed testwalment: *Insomma gejt biex ha naqbad insaqqaf u millum ghal ghada sibt illi dan il-hajt qabad u waqqghu ghal go fina.* Ghalhekk mar jirrapporta l-Ghassa.

- Ix-xhieda l-ohra Antoine Agius u l-Perit Bondin xehdu dwar il-kwistjoni izda hadd minnhom ma rrefera ghal dati. Mentri x-xhud Oliver Magro xehed dwar permessi ottjenuti mill-MEPA.

Il-Qorti tqis li mill-provi prodotti, il-versjoni tal-imputat li l-filati ma tnehhewx minnu fid-19 ta' Jannar 2015 izda fis-17 ta' Jannar 2015 billi jiftakar li kien is-Sibt. Jirrizulta li fis-sena 2015, il-gurnata tad-19 ta' Jannar 2015 kienet it-Tnejn. Louis Muscat jixhed li sab il-hajt imwaqqa' millum ghal ghada u r-rapport jidher li sar hekk kif appena nduna. Ix-xhud ma jghidx meta hadem l-ahhar fil-fond inkwitsjoni. L-Ex-Surgent xehed u jirrziulta mir-rapport li Muscat acceda fl-ghassa ghall-habta tas-sitta ta' filghodu u ghaldaqstant zgur huwa li l-hajt ma tnehhix dak il-hin li sar ir-rapport izda kien tnehha qabel.

Biss pero' l-imputazzjonijiet jirreferu ghal data u hin specifici li mill-provi jirrizulta li d-data tad-19 ta' Jannar 2015 kienet id-data tar-rapport u mhux id-data ta' meta tnehhew il-filati. Is-sitwazzjoni kienet tkun differenti kieku fic-citazzjoni gie indikat *fil-jiem ta' qabel.*

Ghaldaqstant fid-dawl anki tal-insenjamenti fuq riferuti din il-Qorti m'ghnadhiex triq hlief ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu ghaliex kollha kemm huma gew addebitati li twettqu fid-19 ta' Jannar 2015.

**Decide**

Ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah.

**Dr Josette Demicoli LL.D**

**Magistrat**